MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2010

Numru. 300/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Pierre Micallef Grimaud]**

**vs**

**John Agius**

**Kumpilazzjoni Numru: 300/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Agius, ta' 22 sena, iben Terence u Marie Louise nee' Cassar, imwieled Pieta' fit-2 ta' Dicembru, 1987 u residenti fil-fond 18, Triq l-Iljun, Floriana u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 545287M.

1. Talli fis-27 ta' Marzu 2010 ghal habta tas-6:00am, gewwa l-Waterfront fil-Furjana, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Fiteni, skond ma ccertifika it-tabib Dr Jeffrey Bonnici MD mill-isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b' mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) u (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'dawn l-artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:
a) 18, 214, 215, 216(1)(2) u 218;
b) 338(m), 338(dd), 338(ee), u 339(1)(d)(e)(i);
c) 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C;
d) 17, 23, 30, 31, 532A, 532B u 533.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni indikata fil-paragrafu "a" tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali kif ukoll dik indikata fil-paragrafu "b" ta' l-istess nota in kwantu tirreferi biss ghar-reat prospettat f'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9. L-imputat ikkonferma din l-ammissjoni anke wara li nghata zmien jikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammetta l-imputazzjoni indikata fil-paragrafu “a” tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali kif ukoll dik indikata fil-paragrafu “b” ta’ l-istess nota in kwantu tirreferi biss ghar-reat prospettat f’l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar l-imputazzjonijiet l-ohra indikati fil-paragrafu “b” tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali, mill-provi prodotti dawn l-imputazzjonijiet ma jirrizultawx pruvati fil-grad rikjest mill-Ligi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in kondsiderazzjoni l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu, u l-fatt li jidher li l-imputat ghandu problema ta’ xorb. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta’ l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 214, 215, 216(1)(2) u 218 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni indikata fil-paragrafu “a” tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali kif ukoll dik indikata fil-paragrafu “b” ta’ l-istess nota in kwantu tirreferi biss ghar-reat prospettat f’l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u taghhom tikkundannah ghaxar (10) xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A ta’l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sentejn. In oltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28G tal-Kaiptolu 9 il-Qorti qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ supervizjoni ghal perjodu ta’ sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment. Il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommeti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------